MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 154/2012

**Appell Nru. 154/2012**

**Il-Pulizija**
**(Supt. Carmelo Magri)**
**Vs**
**Nikola Farrugia**

**Illum 13 ta' Novembru 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmuling b'resoluzzjoni wahda u cioe:

1. Fil-5 ta' Mejju 2008 ghall-habta tad-9.30 ta' fil-ghodu u fil-granet ta' wara din id-data, fl-ufficini tal-MEPA fil-Furjana, hedded bil-fomm lil Franco Pisani li huwa persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' daki is-servizz.

2. Fil-15 ta' Mejju 2008 ghall-habta tad-9.30 ta' fil-ghodu, attakkajt jew ghamilt rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra l-istess Franco Pisani li huwa persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qed jagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti.

3. Fl-istess zminijiet u cirkostanzi, bi vjolenza jew b'theddid gieghel lil Franco Pisani li huwa ufficjal pubbliku li jaghmel jew ma jaghmilx xi haga li ghandha x'taqsam mal-kariga tieghu.

4. Fl-istess dati u cirkostanzi gab ruhu b'mod li ikkaguna lil Franco Pisani biza li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra proprjeta tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subiex jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1), meta kien jaf jew messu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lil Franco Pisani hekk jibza'.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Marzu, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 18, 95(1) u (2), 96, 91 u 251B tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant mhux hati tat-tieni u t-tielet imputazzjoni u lliberatu minnhom, izda sabitu hati ta' l-ewwel u tar-raba` imputazzjoni u kkundannatu ghal multa ta' hamest elef Euro (€5,000), li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mija u hamsin Euro (€150), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta' April, 2012, b'dan li jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi

dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-27 ta’ Marzu, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha
1. tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma dawk il-partijiet fejn illiberat lill-appellant, tirriforma dawk il-partijiet fejn huwa instab hati u b’hekk tilliberah anke mill-ewwel u r-raba` akkuza hekk kif dedotti kontra tieghu jew
2. fil-kaz illi tichad din it-talba, tirriforma s-sentenza billi timmitiga l-piena nflitta fuq l-appellant sabiex tirrifletti ahjar ic-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi meta sabet lil imputat hati talli hedded lii Franco Pisani. Minn dak li rrizulta mix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni stess, l-appellant ma uza l-ebda kliem hi jikkonsistu f’theddid ghal finijiet tal-ligi hekk kif interpretata fil-Qrati nostrana. Fis-sentenza ta’ din l-Onorabbli Qorti tat-12 ta’ Gunju 2003 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Gauci, il-Qorti kienet tal-opinjoni illi “biex ikun hemm theddid, is-suggett attiv irid ikun qed jipprospetta - bil-kliem, b’gesti, jew b’mod iehor - xi forma ta’ hsara ingusta fil-futur lis-suggett passiv.” Ghalhekk din l-Onorabbli Qorti kienet illiberat lill-appellant ghaliex ma rravisatx necessarjament xi prospettiva ta’ hsara ngusta fi kliem l-appellant, izda pjuttost twissija dwar il-konsegwenzi jekk il-parti leza kienet ser tkompli bl-agir taghha. Multo magis fil-kaz odjern ma tista tigi rravisata l-ebda prospettiva ta’ hsara ngusta fi kliem l-appellant. Minn dak li rrizulta mill-provi, anke minn dak li qal Franco Pisani stess, l-appellant qatt ma hedded lil Franco Pisani b’xi hsara ngusta, u ghalhekk ma setghax jinstab hati ta’ din l-akkuza. Dan ghaliex il-kliem li seta’ qal l-appellant lil Franco Pisani ma

jirrafigurawx ruhhom fl-interpretazzjoni tal-Qrati nostrana ta’ dak li jikkonsisti f’theddid, peress illi biex ikun hemm theddid irid necessarjament ikun gie prospettat b’xi mod, hsara ngusta, u l-appellant qatt ma pprospetta l-ebda hsara lil Franco Pisani.

Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ukoll applikat il-ligi b’mod zbaljat meta sabet lill-appellant hati illi kkaguna lil Franco Pisani biza li ser tintuza vjolenza kontra tieghu. L-akkuzi migjuba fil-konfront tal-appellant jirrigwardaw data cara u preciza, u cioe il-hamsa (5) ta’ Mejju elfejn u tmienja (2008). Ghalhekk sejbien ta’ htija ta’ din l-akkuza irid ikun ibbazat fuq fatti illi graw dakinhar. Kif irrizulta mill-provi, dakinhar tal-incident fuq liema huma bbazati l-akkuzi, l-appellant bl-ebda mod ma hedded lil Franco Pisani, u lanqas biss avvincah hekk kif qalu anke xhieda tal-prosekuzzjoni stess. Ghalhekk ma jirrizultax illi bl-agir tieghu l-appellant setgha jikkaguna xi biza lil Franco Pisani. Apparti minn hekk, sabiex l-appellant jinstab hati tar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B tal-Kodici Kriminali kellu jirrizulta course of conduct da parti tieghu, u dan huwa car mill-kliem tal-Artikolu stess li jghid “lii xi hadd iehor hekk jibza’ kull darba minn dawk l-okkazzjonijiet.[enfazi tal-appellant]” F’dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenzi ta’ din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jeffrey Scicluna datata 21 ta’ Frar 2012 u Il-Pulizija vs Raymond Coleiro datata 7 ta’ Marzu 2012. Anke li kieku stess, ghall-grazzja tal-argument biss, kien hemm okkazzjonijiet ohra fejn il-kliem jew l-agir tal-appellant ikkawza tali biza lil Franco Pisani, dawn l-okkazzjoni ma jaqawx taht l-akkuza in kwistjoni u lanqas ma kien hemm sejbien ta’ htija fuqhom fi proceduri ohra. Barra minn hekk, kull darba li l Qorti staqsiet lil Franco Pisani jekk l-appellant heddux (video fol 24), l-istess Pisani dejjem qal le. Ghalhekk assolutament ma jirrizultax il-course of conduct rikjest mill-ligi sabiex l-appellant jinstab hati tar-reat kontemplat taht l-Artikolu 251B tal-Kodici Kriminali.

c. Illi s-sejbien ta’ htija tal-appellant fuq l-ewwel u r-raba’ kap t’akkuza huwa bbazat ukoll fuq apprezzament hazin tal-provi mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Ghalkemm huwa

minnu li normalment din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti li tkun ghamlet l-Ewwel Qorti, din il-Qorti ripetutament hadet il-posizzjoni illi f'kazijiet fejn il-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti hija 'unsafe and unsatisfactory' fis-sens illi fuq il-provi li jkollha quddiema l-Ewwel Onorabbli Qorti il-konkluzjoni li tkun wasslet ghaliha ma tkunx tidher ragonevoli, ghandu jkun hemm apprezzament gdid tal-provi minn din l-Onorabbli Qorti. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Brian Caruana datata 23 ta' Mejju 2002, li citat is-sentenza Rex v. Cooper (1969) *".. . should the overall feel of the case - including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings - leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*
L-appellant umilment jigbed l-attenzjoni tal-Qorti ghall-fatt li l-verzjoni tal-fatti moghtija minn Franco Pisani kienet konfliggenti ma' dik moghtija mix-xhieda l-ohra tal-prosekuzzjoni stess. Ghalkemm Franco Pisani jghid illi meta kien fil-board room l-appellant prova jmur ghalih u ma ghamillu xejn biss ghax waqqfu certu John Bonavia, ix-xhieda l-ohra kollha li kienu wkoll prezenti fil-Board Room xehdu illi wara illi l-appellant hezzez il-mejda huwa telaq il-barra u fl-ebda hin ma avvicina lil Franco Pisani. Dan jirrizulta mix-xhieda moghtija minn Dr. Dimitri Oduka a fol 34, Oliver Magro a fol 39, u John Bonavia a fol 48. Ta' mm jghid ukoll illi din kienet il-verzjoni illi kien ta ghall-ewwel Franco Pisani (vide fol 23), izda imbaghad biddel il-verzjoni tieghu u qal li l-appellant mar ghalih. Ghalhekk l-appellant umilment jissottometti illi x-xhud Franco Pisani ma kienx kredibbli u l-Ewwel Onorabbli Qorti tat wisq importanza ghar-rendikont tieghu ta' dak li gara fil-board room fil-5 ta' Mejju 2008, liema rendikont huwa konfliggenti ma' dak tax-xhieda l-ohra kollha.

d. Illi barra minn hekk, l-appellant umilment jissottometti illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fedina penali tieghu fis-sens illi ghalkemm huwa minnu l-maggior parti taghha tikkostitiwxxi traffic offences li issa gew decriminalised, u fir-rigward ta' sejbien ta' htija fuq

theddid u ingurji kien hemm zewg episodju biss, wiehed li jirrisali ghas-snin sittin u l-iehor ghas-snin disghin. L-appellant umilment jissottometti ukoll illi galadarba l-Ewwel Onorabbli Qorti tat daqshekk importanza ghall-fatt illi kien instab hati ta' reati simili decenni qabel dawn il-proceduri, il-Qorti kellha tati mportanza wkoll il-fatt illi ghalkemm Franco Pisani irraporta fuq reat illi bilfors irid jirrizulta minn course of conduct, ma kien hemm l-ebda sejbien ta' htija fuq xi akkuza li tirrigwarda incidenti mal-istess Franco Pisani. Dan ikompli juri illi l-agir tal-appellant ma kienx ta' persuna illi il-hin kollu thedded u tingurja, izda juri li l-agir tal-esponenti kien wiehed li hu ha fis-shana tal-mument meta gie kkonfrontat bit-telf ta' permess li kien prattikament jikkostitwixxi l-uniku mezz tieghu biex jaqla' ghejxien ghalih u ghal familja tieghu.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi l-appellant kien propjetarju ta' barriera li f'xi zmien bieghu lil certu John Bonavia, pero' l-permess baqa' jzommu hu. F'Mejju, 2008 l-appellant induna li l-permess tal-barriera biex jaqta' l-gebel kien inqaleb minn ismu ghal fuq isem John Boanvia u gie nfurmat illi jekk irid akar taghrif dwar dan il-qlib kellu jkellem lil Franco Pisani illi huwa l-Principal Technical Officer fi hdan il-MEPA li jiehu hsieb l-operat tal-barrieri tal-franka u tal-qawwi f'Malta u Ghawdex. L-imputat kien imur ta' spiss f'-ufficcji tal-MEPA biex ifittex lil Franco Pisani, mar mill-inqas erba' darbiet minghar appuntament, sa fl-ahhar fil-5 ta' Mejju, 2008 l-appellant tkellem ma Fanco Pisani u kien allega illi kien waqqaflu l-licenzja tal-barriera u akkuzah li kellu nteress personali. Fis-6 ta' Mejju, 2008 l-appellant rega' mar il-MEPA pero' Franco Pisani ma kienx hemm izda stqarr quddiem terzi li *"Jekk mhux ser niehu l-permess se jispicca hazin kemm hu u kemm Franco."* L-appellant rega' mar darba ohra fit-13 ta' Mejju, 2008 fejn hemmhekk ukoll ikkonfronta lil Pisani u qallu li jkun ahjar ghalih li kieku jsolvi l-kaz. Fil-15 ta' Mejju, 2008 l-appellant rega' mar darba ohra jkellem lil Pisani flimkien ma John Bonavia u ltaqghu fl-ufficcju tad-Direttur Generali, perezenti kien hemm ukoll Dr. Dimitri Oduca u Oliver Magri. F'hin minnhom waqt id-diskussjoni l-appellant

beda jghezzez il-mejda tal-Board Room, offenda lil Franco Pisani b'ommu u bid-demm tieghu. Pisani xehed illi l-appellant beda jdur mal-mejda biex jahbat ghall-Ufficjali tal-MEPA pero' gie mizmum. Peress illi l-appellant wera agressjoni u vjolenza l-kaz gie rapurtat lill-pulizija illi resquh il-Qorti biex iwiegeb ghal dawn l-akkuzi fejn b'Senenza moghtija fl-14 ta' Marzu, 2012 (fol 89) il-Qorti tal-Magistrati ma sabitx lill-appellant hati tat-tieni u tielet imputazzjoni u lliberatu minnhom izda sabitu hati ta' l-ewwel u r-raba' mputazzjni u kkundannatu ghal multa ta' €5,000. L-appellant hassu agravat min din is-Sentenza u nterpona appell fejn l-agravju principali tieghu kienet illi l-Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi illi kellha quddiemha. Deherlu illi l-biza' illi Franco Pisani jghid illi hass irid ikun wiehed attwali u mhux immaginarji peress illi l-istess Franco Pisani qal li ma hassux li gie mhedded mill-appellant. Terga l-incident gara fuq il-post tax-xoghol u dana ma jistax jigi ekkwiparat ma vjolenza domestika f'post privat. L-agir ta' l-appellan kien aktar ta' rabja ghalih innifsu milli ghal haddiehor, kienu cirkostanzi li kien jinstab fihom illi gieghluh jirrabja. L-Ewwel Qorti rat il-provi b'mod oggettiv u ma kkunsidratx li l-incident sar fil-publiku u xejn ma jinkwadra f'sitwazzjoni ta' vjolenza domestika u ghalhekk l-Artiklu 251B gie applikat hazin.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti ma taqbel xejn ma dan l-argument. L-ewwel nett l-incident ma kienx limitat biss ghal 5 ta' Mejju, 2008 ghax l-akkuza ssemmi wkoll il-granet ta' qabel fejn l-appallent ukoll mar l-ufficini tal-MEPA u hemmhekk wera sintomi ta'gressjoni, vjolenza u theddid fil-konfront ta' Franco Pisani anke fl-assenza tieghu. Barra minn hekk hemm ukoll l-Artiklu 252 tal-Kap 9 illi huwa ferm aktar wiesgha u tkopri nettament sitwazzjoni bhal din, fejn kull min bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' xi hadd iweggghu bi kliem, b'gesti, b'kitba, b'disinjui jew b'xi mod iehor. Dana jista jintrabat ma dak illi qal Franco Pisani a fol 29 fejn fil-konfront ta' l-appellat hassu mbazza. Dana jfisser quindi illi jissustissi dan ir-reat. Ghal dak li jirrigwardja l-piena l-principju regolatur hu li mhux normali li l-Qorti ta' l-Appell tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel

Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-Ligi, l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti tidhol fil-parametri tal-Ligi u ghalhekk mhux il-kaz illi dina tigi disturbata.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------